# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **609/2021 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat Kawtelatorju t'Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar Numru 849/2021 ISB fl-ismijiet:**

## C FORLESS LIMITED (C 72752)

**VS**

## M/Y CASINO ROYALE (NUMRU UFFIĊJALI 16536)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba tal-bastiment M/Y Casino Royale magħmula ai termini tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat kawtelatorju t'arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru 849/2021 ISB[1];

[1] Il-Qorti tippreċiża illi għalkemm il-mandat jidher bl-inizjali **ISB**, dan il-mandat effettivament ġie iffirmat mill-**Onor. Imħallef Grazio Mercieca**.

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar id-disgħa (9) ta' Ġunju 2021, is-soċjeta' C Forless Limited talbet il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju t'arrest ta' bċejjeċ tal-baħar fil-konfront ta' M/Y Casino Royale, u dan sabiex tikkawtela l-pretensjoni tagħha naxxenti minn ftehim illi ġie anness mal-istess rikors u mmarkat **Dok A**, fl-ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000). Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tas-soċjeta' C Forless Limited biex jinħareġ il-mandat kawtelatorju kif rikjest nhar id-disgħa (9) ta' Ġunju 2021 stess;

3. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar il-ħdax (11) ta' Ġunju 2021, is-soċjeta' C Forless Limited intavolat il-kawża fl-ismijiet **C Forless Limited vs Il-Bastiment M/Y Casino Royale**, fejn talbet lil din il-Qorti tiddikjara illi l-bastiment M/Y Casino Royale huwa debitur tas-soċjeta' C Forless Limited għas-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000), u sabiex tikkundanna lill-bastiment iħallas lis-soċjeta' C Forless Limited l-istess somma. Is-soċjeta' C Forless Limited talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Ftit jiem wara, permezz ta' rikors preżentat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju 2021, il-bastiment M/Y Casino Royale talab ir-revoka tal-mandat kawtelatorju t'arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru 849/2021 maħruġ fil-konfront tiegħu;

**Fatti tal-Każ**

5. Il-partijiet qegħdin jaqblu illi (a) il-bastiment M/Y Casino Royale huwa *yacht* reġistrat f'Malta, u (b) dan il-*yacht* kien oriġinarjament jappartjeni lil C Forless Limited, iżda ġie akkwistat mis-soċjeta' Estato Development Spain SL (aktar 'il quddiem imsejħa '**Estato**') nhar il-ħamsa (5) ta' Frar 2021. Fl-istess jum, Estato għaddiet il-bastiment lis-soċjeta' Maltija St Julians Maritime Four Limited;

6. Qabel seħħew dawn iż-żewġ trasferimenti, nhar it-tlieta (3) ta’ Frar 2021, ġie redatt ftehim bejn is-soċjeta’ C Forless Limited u s-soċjeta’ Estato, illi permezz tiegħu ġie stabbilit illi Estato kienet kreditriċi ta’ C Forless Limited fl-ammont ta’ mitt elf Ewro (€100,000), u cioe s-somma illi qegħda tiġi kawtelata permezz tal-mandat odjern;

7. L-ewwel kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda s-somma illi qegħda tiġi kawtelata. Is-soċjeta’ C Forless Limited issostni illi dan l-ammont għadu dovut, stante illi jirrappreżenta *“agreed extra payment regarding the costs related with the delay of the Completion Date as per the MOA”*. Mill-banda l-oħra, il-bastiment rikorrenti qiegħed isostni illi dan l-ammont, *prima facie*, m’għadux dovut, stante illi C Forless Limited aċċettat il-pagament ta’ miljun u ħamsa u għoxrin elf Ewro (€1,025,000)[2] bħala pagament finali biex isir il-bejgħ, u, per konsegwenza, tħallset l-ammonti kollha pretiżi minnha;

8. It-tieni kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda s-sid preżenti tal-bastiment rikorrenti. Min-naħa l-waħda, il-bastiment rikorrenti qiegħed isostni illi s-sid preżenti hija s-soċjeta’ Maltija St Julians Maritime Four Limited, illi lanqas biss kienet parti mill-ftehim tat-tlieta (3) ta’ Frar 2021. Min-naħa l-oħra, is-soċjeta’ C Forless Limited qed issostni illi għalkemm il-*yacht* jidher li jappartjeni lis-soċjeta’ st Julians Maritime Four Limited, effettivament, is-sid benefiċjarju tal-istess bastiment għadu Estato;

**It-Talba għal Revoka mill-bastiment M/Y Casino Royale**

9. Din it-talba għal revoka ġiet magħmula ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12, li jistabilixxi illi l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju jista’ jiġi revokat, *inter alia*, *“jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu, jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli”*;

[2] Jiġi senjalat illi għalkemm fir-rikors tiegħu l-bastiment rikorrenti jindika ċ-ċifra ta’ miljun, mitejn u ħamsin elf Ewro (€1,250,000), mid-dokumenti annessi jirriżulta illi ċ-ċifra korretta hija dik ta’ mija u ħamsa u għoxrin elf Ewro (€1,025,000) kif indikat fir-risposta tas-soċjeta’ C Forless Limited.

10. Il-bastiment rikorrenti ibbaża t-talba tiegħu fuq żewġ raġunijiet illi, fl-opinjoni tiegħu, jiġġustifikaw ir-revoka:

    a. **in-nuqqas ta' bażi għal proċeduri *in rem***: Il-bastiment rikorrenti saħaq illi s-somma kawtelata hija 'penali' għad-dewmien fil-bejgħ tal-bastiment, u għalhekk ma taqa taħt l-ebda wieħed mill-kapijiet imsemmija fl-artikolu 742B tal-Kap 12 u/jew l-Artikolu 50 tal-Kap 234. In oltre, fi kwalunkwe każ, il-leġittimu kontradittur għall-pretensjoni ta' C Forless Limited hija s-soċjeta' Estato, mentri l-bastiment preżentement jappartjeni lis-soċjeta' St Julians Maritime Four Limited. Għaldaqstant, Estato la kienet sid, u lanqas kienet sid benefiċjarju jew nolleġġjatur taħt *bareboat charter* tal-*yacht* rikorrenti, b'dana illi r-rekwiżiti tal-Artikolu 742D m'humiex sodisfatti, u, konsegwentement, l-arrest m'għandux fondament legali; u

    b. **illi l-ammont pretiż mis-soċjeta' C Forless Limited, *prima facie*, mhuwiex dovut**: Il-prezz miftiehem bejn C Forless Limited u Estato kien ta' miljun u ħamsa u għoxrin elf Ewro (€1,025,000) bħala l-prezz finali, u Forless, fil-ħamsa (5) ta' Frar 2021, qablet mal-bejgħ tal-bastiment lil Estato għal dan il-prezz, mingħajr ebda riserva ta' ammonti ulterjuri dovuti minn Estato, minn Forless, u/jew mill-bastiment bħala *"additional costs"* jew taħt xi forma oħra. Huwa għalhekk illi l-bastiment rikorrenti kien qiegħed isostni illi l-ammont pretiż *prima facie* mhux dovut, u, jekk dovut, mhux dovut mill-bastiment

11. Il-bastiment rikorrenti sostna wkoll illi l-mandat huwa wieħed frivolu u vessatorju, u għalhekk talab il-ħlas ta' penali u danni skont il-liġi, liema danni kellhom jikkonsistu almenu fis-somma ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) għal kull jum illi l-mandat jibqa' fis-seħħ, stante illi l-bastiment kien maħsub illi jinkera b'*charter* minn nhar it-Tnejn, erbatax (14) ta' Ġunju 2021 għal din l-istess somma, liema *charter* baqa' ma seħħx peress illi l-bastiment inżamm b'arrest;

12. Finalment, il-bastiment talab ukoll illi, alternattivament, jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li m'għandhiex tilqa' t-talbiet tiegħu, is-soċjeta' C Forless Limited kellha tiġi ordnata tipprovdi garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12, stante illi l-mandat kien qiegħed jikkawża danni lill-bastiment rikorrenti konsistenti f'telf ta' *charters*;

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-soċjeta' C Forless Limited**

13. Mill-banda l-oħra, b'risposta għar-rikors tal-bastiment M/Y Casino Royale, ippreżentata mis-soċjeta' C Forless Limited nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju 2021, is-soċjeta' C Forless Limited laqgħet għat-talbiet tal-bastiment billi saħqet illi:

    a. Il-ħruġ tal-mandat t'arrest kawtelatorju kien opportun fiċ-ċirkostanzi, għaliex kienet teżisti bażi għal proċeduri *in rem*. Dan peress illi s-somma kawtelata tinkwadra ruħha taħt il-paragrafu (d) tal-qrtikolu 742B tal-Kap 12, u cioe *"kull pretensjoni li tinħoloq mill-kuntratt tal-bejgħ tal-vapur"* bħala somma illi kienet ġiet indikata fil-ftehim datat tlieta (3) ta' Frar 2021 bħala *"agreed extra payment regarding the costs related with the delay of the Completion Date as per the MOA by the buyer to the seller in respect of the sale of the vessel"*. In oltre, s-soċjeta' C Forless Limited qalet ukoll illi għalkemm l-iffinanzjar u l-akkwist tal-bastiment rikorrenti sar minn St Julians Maritime Four Limited, dan sar fuq struzzjonijiet ta' Estato, liema soċjeta' kienet u għadha s-sid benefiċjarju tal-bastiment rikorrenti;

    b. Il-fatt illi C Forless Limited aċċettat il-ħlas tal-prezz ta' €1,025,000 ma kienx ifisser illi l-ammont ta' €100,000 ma baqax dovut. Difatti kien hemm qbil bejn C Forless Limited u Estato illi s-somma ta' €100,000 kienet waħda addizzjonali.

14. In oltre, C Forless Limited sostniet ukoll fir-risposta tagħha illi l-mandat t'arrest kawtelatorju sar *in buona fede*, immirat sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, u għalhekk huwa ċar li t-talba ma saritx b'malizzja, u wisq u wisq iżjed mhix waħda frivola jew vessatorja;

15. F'dak illi jirrigwarda t-talba tal-bastiment rikorrenti għall-ħlas ta' danni, is-soċjeta' C Forless Limited senjalat illi l-bastiment rikorrenti ma ġab l-ebda prova konkreta tal-fatt illi kellu jinkera b'*charter*.

**Il-Qorti**

16. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

17. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju 2021;

18. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

19. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12, liema artikolu jipprovdi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

20. Il-vapur rikorrenti jinvoka żewġ raġunijiet illi huwa jqis illi jiġġustifikaw ir-revoka, liema raġunijiet din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra separatament:

**(A) <u>L-Ewwel Raġuni: Nuqqas ta' bażi għal proċedura *in rem*</u>**

21. L-Artikolu 742B tal-Kap 12 jelenka lista ta' sitwazzjonijiet fejn il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni *in rem* kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi. Fil-każ odjern, is-soċjeta' C Forless Limited tissenjala illi hija talbet il-ħruġ ta' dan il-mandat sabiex tikkawtela somma illi hija tikkonsidra bħala waħda illi tinkwadra ruħha taħt l-artikolu 742B(d), u cioe *"pretensjoni li tinħoloq mill-kuntratt tal-bejgħ tal-vapur"*;

22. Madanakollu, l-Art 742B(d) tal-Kap. 12 m'għandux jinqara b'mod iżolat, iżda għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' dak enunċjat mill-Art 742D:

> *Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili kontra –*
>
> *(a) dak il-vapur jew bastiment fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt bareboat charter ta' dak il-vapur;*
>
> *(b) [...]*

23. Għaldaqsatant, huwa evidenti illi **<u>mhux biżżejjed</u>** illi jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 742B sabiex il-qrati Maltin ikollhom ġurisdizzjoni *in rem*, iżda għandhom jiġu sodisfatti wkoll ir-rekwiżiti kontemplati fl-Artikolu 742D. L-unika żewġ eċċezzjonijiet għal din ir-regola huma każijiet fejn it-talba għall-ħruġ tal-mandat ma tkunx waħda mis-sitwazzjonijiet kontemplati mill-Art 42B(a) sa (ċ), <u>jew</u> privileġġ speċjali taħt l-Art 50 tal-Kap 234, żewġ eċċezzjonijiet illi mhumiex il-każ fil-kwestjoni odjerna;

24. Il-bastiment rikorrenti jikkontendi illi:

i. Il-pretensjoni ta' C Forless Limited ma taqax taħt l-Art 742B(d) tal-Kap. 12; u

ii. Il-leġittimu kontradittur tal-pretensjoni, u cioe, Estato, ma kienx, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid, sid benefiċjarju, jew nolleġġjatur taħt *bareboat charter* ai termini tal-Art 742D(a);

25. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' C Forless Limited twieġeb billi ssostni illi l-ammont minnha pretiż huwa pagament anċillari għall-bejgħ tal-bastiment, u għalhekk jaqa' taħt l-Art 742B(d), u illi għalkemm il-jott huwa reġistrat f'isem St Julian's Maritime Four Limited, is-sid benefiċjarju hija fil-fatt is-soċjeta' Estato;

26. Qabel ma tidħol fil-kwestjoni dwar il-pretensjoni tas-soċjeta' C Forless Limited, din il-Qorti sejra primarjament teżamina jekk, fil-każ odjern, il-persuna responsabbli għall-azzjoni *in personam* kinitx is-sid, jew is-sid benefiċjarju, tal-vapur rikorrenti, jew noleġġatur taħt *bareboat charter* fil-mument li nġabet l-azzjoni, ai termini tal-Art 742D(a);

27. Jirriżulta mill-provi prodotti mhux kontestat il-fatt illi l-pretensjoni illi għandha C Forless Limited tikkonċerna lis-soċjeta' Estato, liema pretensjoni tirriżulta mill-ftehim illi sar bejniethom datat tlieta (3) ta' Frar 2021 (**Dok CF1**). Dak illi għandu jiġi determinat għalhekk huwa jekk effettivament Estato kinitx is-sid, jew is-sid benefiċjarju, tal-bastiment rikorrenti, jew noleġġatur taħt *bareboat charter* fid-disgħa (9) ta' Ġunju 2021;

28. Mill-*bill of sale* illi ġie preżentat mar-rikors tal-bastiment rikorrenti bħala **Dok CR1**, jirriżulta illi l-bastiment, illi kien jappartjeni lil Estato Development Spain SL, ġie akkwistat minn St Julian's Maritime Four Limited nhar il-ħamsa (5) ta' Frar 2021. Dan wara illi Estato akkwistat l-istess bastiment, fl-istess jum, mingħand is-soċjeta' C Forless Limited, kif jixhed **Dok CR2**. **Evidentement, għalhekk, is-sid tal-bastiment sa mill-ħamsa (5) ta'**

**Frar 2021, kienet (u għadha) s-soċjeta' St Julian's Maritime Four Limited**;

29. It-transazzjonijiet indikati fid-**Dok CR5** ikomplu jikkorraboraw dan il-fatt, billi jindikaw lis-soċjeta' St Julian's Maritime Four Limited bħala l-*ordering customer* illi kellha finalment tittrasferixxi s-somma ta' €1,025,000, u cioe l-prezz tal-bejgħ;

30. Saħansitra anke f'**Dok CF5**, preżentat mis-soċjeta' C Forless Limited stess, sid il-bastiment huwa indikat bħala s-soċjeta' St Julian's Maritime Four Limited, u l-ebda referenza ma ssir fl-istess dokument għas-soċjeta' Estato;

31. Min-naħa l-oħra, is-soċjeta' C Forless Limited naqset milli tikkorrabora t-teżi tagħha illi Estato hija s-sid benefiċjarja tal-bastiment rikorrenti, u, għalkemm tesebixxi *invoice* immarkata bħala **Dok CF4**, illi nħarġet f'isem is-soċjeta' Estato, ma hemm l-ebda data illi tindika f'liema perjodu ta' żmien ingħataw dawn is-servizzi mill-Yachthub Service and Management Limited. Id-data tad-disgħa (9) ta' Ġunju 2021 hija indikata bħala d-data tal-*invoice*, iżda m'hemm xejn fl-istess *invoice* illi jistabilixxi d-dati meta ngħataw is-servizzi elenkati. Lanqas ġew prodotti xhieda mis-soċjeta' C Forless Limited illi setgħu jikkonfermaw ir-raġuni għalfejn l-*invoice* inħarġet f'isem is-soċjeta' Estato, u mhux f'isem is-soċjeta' St Julian's Maritime Four Limited;

32. L-awtriċi **Aleka Mandaraka-Sheppard**, fil-ktieb tagħha, *"Modern Maritime Law Vol I: Jurisdiction and Risks* (3rd Edn, Routledge, p 123), tispjega l-kunċett ta' sid benefiċjarju kif isegwi:

> *"Thus, 'beneficially owned' refers to equitable ownership, whether or not accompanied by legal ownership. 'Equitable ownership' is meant to cover an owner for whose benefit the legal owner holds the shares in the ship under the English law concept of trust. The adjective 'beneficial' before owner ensures that, if the ship is operated under the cloak of trust,*

*she can still be arrested for maritime claims. The commercial reality is that registered owners of ships are not just legal owners of bearer shares. They are both legal and beneficial owners of all shares in the ship. Any division between the legal and equitable interest in the ship occurs in registration. For example, the legal property in the shares may be held by A and the equitable by B."*

33. **Dok CR1** jindika espressament illi l-ishma kollha tal-bastiment ġew trasferiti mis-soċjeta' Estato għas-soċjeta' St Julian's Maritime Four Limited, u ma nġabet ebda prova illi tindika l-kuntrarju. Is-soċjeta' C Forless Limited tissottometti illi l-iffinanzjar u l-akkwist tal-bastiment rikorrenti sar minn St Julian's Maritime Four Limited fuq struzzjonijiet ta' Estato, iżda tonqos milli ġġib prova tal-konnessjoni illi hemm bejn dawn iż-żewġ soċjetajiet, sewwa jekk fil-forma ta' *trust,* kif ukoll taħt xi forma oħra;

34. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' **Dok CF2 u Dok CF3**, illi jindikaw il-funzjonijiet tal-kumpanija St Julian's Maritime Four Limited u St Julian's Maritime Finance Limited, iżda xorta waħda mhix konvinta illi kienet tissussisti fid-disgħa (9) ta' Ġunju 2021, u cioe fid-data meta nħareġ il-mandat t'arrest, xi konnessjoni bejn Estato Development Spain SL u St Julian's Maritime Four Limited, u/jew xi konnessjoni bejn Estato Development Spain SL u l-bastiment rikorrenti. Għaldaqstant, din il-Qorti tista' biss tasal għal konklużjoni waħda, u cioe illi s-sid reġistrat tal-bastiment rikorrenti huwa St Julian's Maritime Four Limited, u li ilu hekk sa mill-ħamsa (5) ta' Frar 2021, u s-soċjeta' Estato m'għandhiex, *prima facie*, il-proprjeta' jew il-kontroll tal-bastiment in kwestjoni;

35. Kwindi, il-Qorti hija tal-fehma u l-opinjoni illi ġie sodisfaċentement pruvat mill-bastiment rikorrenti illi r-rekwiżiti tal-Artikolu 742D tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġewx segwiti fil-każ odjern, b'dana illi huwa ġustifikat l-ilment tal-bastiment rikorrenti illi ma hemm ebda konnessjoni bejn il-bastiment u s-soċjeta' C Forless Limited illi tista' twassal għal rabta *in rem*

mal-istess vapur, u li tiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat t'arrest in kwestjoni;

36. **<u>Il-Qorti qegħda għalhekk tilqa' l-ewwel talba tal-bastiment rikorrenti għar-revoka fl-intier tiegħu tal-Mandat t'Arrest Nru 690/2021, ai termini tal-Artiklu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**;

37. In konsiderazzjoni tal-fatt illi l-Qorti sabet illi ma ġewx sodisfatti r-rekwiżiti taħt l-Art 742D tal-Kap 12, u illi dan in-nuqqas jipproponi raġuni valida biżżejjed sabiex tiġi milqgħuha t-talba għar-revoka tal-mandat odjern, il-Qorti sejra tastjeni milli tidħol fil-mertu dwar jekk il-pretensjoni ta' C Forless Limited taqax taħt waħda mill-kapijiet taħt l-Art 742B tal-Kap 12 jew le;

**(B) <u>It-Tieni Raġuni: Il-Pretensjoni ta' C Forless Limited hija, *prima facie* infondata fil-fatt u fid-dritt</u>**

38. In vista tal-fatt illi l-Qorti diġa' rat raġuni valida illi a bażi tagħha qed taqta' u tiddeċiedi li tilqa' t-talba għar-revoka tal-mandat t'arrest odjern, il-Qorti sejra tastjeni milli tikkunsidra t-tieni raġuni illi fuqha l-bastiment rikorrent ressaq it-talbiet tiegħu;

**Kunsiderazzjonijiet dwar it-Talba għad-Danni**

39. Il-bastiment rikorrenti, b'żieda mat-talba għar-revoka tal-mandat odjern, jitlob il-likwidazzjoni minn din il-Qorti ta' danni sofferti minnu per kawża tal-istess mandat ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) kif ukoll tal-Artikolu 836(9) tal-Kap 12, u dan, b'mod partikolari, stante illi l-bastiment kien maħsub illi jinkera b'*charter* minn nhar it-Tnejn, 14 ta' Ġunju 2021 għal somma ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) kuljum;

40. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Av Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel***[3]:

[3] Rik Nru 404/2015, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima, 5 ta' Ġunju 2015

*Din il-Qorti tagħraf illi talba għal penali u ergo ukoll għal garanzija xierqa, hija sanzjoni fakoltattiva, imħolliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintewera għas-sodisfazzjon tagħha, li seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-impożizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe is-subinċiżi (a) sa (d) tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12.*

*Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali* ***fejn jirriżultaw l-estremi tal-liġi*** *fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jiġi assikurat is-serjeta' tal-proċess ġudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jiġix użat abbusivament – Vide sentenzi fl-ismijiet* ***Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia vs Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco*** *deċiża fit-****2 t'Awwissu 2012*** *per* ***Onor Imħallef Dr J. R. Micallef, Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited*** *deċiża fit-****13 ta' Marzu 2003*** *per* ***Onor Imħallef Dr T Mallia*** *u* ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut, Appell Ċivili*** *deċiża fit-****13 ta' Marzu 2001.***

*Infatti, skond insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Tabone vs Capece Construction Limited (C-52626)****, fl-14 t'Awwissu 2013 u b'referenza għall-Artikolu 836(8) tall-Kap 12, dik il-Qorti rriteniet:*

> *"Illi dwar il-kwestjoni tal-imposizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista</u>' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-*

*ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward, u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimpnilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."*[4]

41. Wara illi rat l-atti kollha u d-dokumenti preżentati, il-Qorti ma tħossx illi l-mandat t'arrest sar b'malizja, u/jew li huwa wieħed frivolu u vessatorju. Il-Qorti tagħmel f'dan l-istadju referenza għad-digriet fl-ismijiet ***Av Joseph Camilleri noe vs M/V Sovereign***[5], digriet illi kien jikkonċerna mertu simili għal dak odjern, fejn din il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba għal revoka tal-mandat stante illi *"l-istrutturi tal-kumpaniji involuti ma waslux fil-fehma tal-Qorti għal dak il-grad ta' prova ċara biżżejjed biex jinstab ness sa fejn trid il-liġi għal ġustifikazzjoni tal-ħruġ ta' mandat"*, iżda ċaħdet it-talba għad-danni stante illi ma kinitx tal-fehma illi l-mandat kien ħareġ b'abbuż jew bla ebda fundament ta' fatt jew ta' dritt. Din il-Qorti hija tal-fehma illi, bl-istess mod, fil-kawża odjerna, kien nuqqas ta' C Forless Limited illi tasal sal-grad ta' prova ċara biżżejjed biex jinstab ness bejn il-pretensjoni tagħha u l-bastiment rikorrenti illi effettivament wassal sabiex it-talba għar-revoka qegħda tintlaqa'. C Forless Limited fl-aħħar mill-aħħar talbet għall-ħruġ tal-mandat sabiex tikkawtela pretensjoni illi hija għandha, kif kellha kull dritt illi tagħmel skont il-liġi, u, fil-fehma tal-Qorti, m'aġixxietx b'malizzja meta għamlet dan. Fuq kollox, hekk kif ġie ritenut fid-digriet li

[4] Ara wkoll ***Cassar Fuel Ltd vs Il-Bastiment bl-isem MV K Dadayli,*** Rik Nru 1183/2013, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Frar 2015, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima

[5] Rik Nru 576/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 23 ta' Lulju 2020 , S. T. O. Prim Imħallef Mark Chetcuti

ngħata fl-ismijiet ***Av Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel*** suċitata, *"Irid jingħad ukoll illi l-buona fede hija preżunta u l-ħażen irid jiġi pprovat – vide* ***Miller Blacker pro et noe vs Howard – Kollezz Vol XXIV.i.554****"*;

42. In oltre, din il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm il-bastiment rikorrenti jargumenta illi huwa tilef *charter* ta' €15,000 kuljum, dan il-fatt ma ġiex sodisfaċentement pruvat. L-unika prova illi tressqet f'dan ir-rigward kien dokument minn yachtcharterfleet.com illi kien qiegħed jirreklama l-*yacht* għal *charters* bi ħlas ta' mill-inqas €65,000 fil-ġimgħa (li huma ekwivalenti għal madwar €9,285) kuljum. Madanakollu, dan ma jfissirx illi effettivament kien hemm xi ftehim ma' xi terzi illi l-bastiment kien ser jiġi *chartered*;

43. **Għaldaqstant, it-talba għal penali u/jew danni, u cioe t-tieni talba, qed tiġi miċħuda**;

**Kunsiderazzjonijiet dwar Garanzija għall-Ħlas ta' Penali u Danni**

44. Peress illi minn qari tal-Art 838A tal-Kap 12 jirriżulta illi l-garanzija u r-revoka tal-mandat huma rimedji alternattivi għal xulxin, u peress illi din il-Qorti diġa' laqgħet it-talba għar-revoka tal-mandat odjern, hija ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba.

**Decide**

45. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tilqa' l-ewwel talba** fis-sens li tordna r-revoka fl-intier tiegħu tal-Mandat t'Arrest fuq ċitat, u dan ai termini tal-Artiklu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) **Tiċħad it-tieni talba** għal penali u/jew danni dovuti ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) u l-Artikolu 836(9);

(iii) **<u>Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba</u>** stante illi m'hemmx lok li jsir pronunzjament dwarha peress illi ġiet milqgħuha l-ewwel talba.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-soċjeta' C Forless Limited.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju 2021**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Abela**
**Deputat Reġistratur**